MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 43/2004

**Saviour u Emanuela Farrugia**

**vs**

**Joseph u Mary Ann konjugi Fenech
George u maria Lourdes konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi solidalment ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest'elef Lira maltin, (LM5,000.00,0), jew somma verjuri, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-istess konvenuti skond skrittura privatata datata

disgha u ghoxrin (29) ta’ Dicembru tas-sena 2001, Dok. SF1 anness;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-hamsa (5) ta’ Awissu tas-sena 2003, u tal-mandat ta’ sekwestru numru 86/04 u bl-imghaxijiet legali mill-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

3. Illi jekk jonqsu li jidhru fil-jum u siegha imsemmijin, il-Qorti tiddeciedi skond il-Ligi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-13 ta’ Frar tas-sena 2004 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ‘ratione valoris’ ghar-ragunijiet segwenti:

i. L-atturi qed jitolbu l-hlas fis-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), ‘jew somma ohra verjuri’ u ghalhekk l-ammont li qed jintalab huwa wiehed indeterminat u ghaldaqstant tapplika r-regola stabbilita fl-artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jiddisponi li ‘il-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta’ gurisdizzjoni limitata’;

ii. L-atturi oltre ghas-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), qed jitolbu wkoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Marzu tas-sena 2003 u ghalhekk effettivament l-ammont illi qed jintalab jeccedi s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), u kwindi tapplika r-regola stabbilita fl-artikolu 760 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jipprovdi li ‘fil-kawzi dwar kapitali u imghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somma tal-kapital u ta’ l-imghaxijiet flimkien;

2. Illi t-talba attrici hija intempestiva u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw illi jeffettwaw il-hlasijiet dovuti izda insistew illi l-

atturi jghaddulhom ricevuti ghall-hlasijiet versati sal-lum u li jaghtu garanzija illi t-tieqa ezistenti fil-bar u restaurant lilhom imwilli mill-atturi mhux sew tinghalaq, izda l-atturi dejjem baqghu inadempjenti;

3. Illi l-atturi ma jistghux jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-iskrittura tad-29 ta' Dicembru tas-sena 2001 stante illi l-imsemmija skrittura tikkontjeni dispozizzjonijiet illi jmorru kontra regoli ta' ordni pubblika, u, senjatament, ghaliex fuq l-istess skrittura giet importa rata ta' imghax illi tizboq l-oghla rata stabbilita u permess bil-ligi;

4. Illi l-eccipjenti qieghdin jipprevalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri sabiex iressqu 'l quddiem il-kontro-talbiet taghhom;

Rat il-kontro-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonati wkoll datata it-13 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz taghha espona s-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura tad-29 ta' Dicembru tas-sena 2001, il-konvenuti rikonvenzjonati hadu minghand l-atturi rikonvenzjonati id-drittijiet lokatizji illi l-istess atturi rikonvenzjonati kienu jippossjedu fuq il-fond 'Kingfisher Bar & Restaurant' fi Triq Congreve, Wied iz-Zurrieq, limiti tal-Qrendi;

2. Illi l-atturi rikonvenzjonati iggarantew a favur il-konvenuti rikonvenzjonati illi ma kien hemm ebda djun gravanti ta' dan l-istabbiliment kummercjali u gie pattwit illi kwalsiasi djun illi talvolta seta' kien hemm sa dak iz-zmien kellhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-istess atturi rikonvenzjonati;

3. Illi fil-fatt irrizulta illi fu-imsemmi stabbiliment kien hemm arretrati ta' licenzji u permessi fl-ammont ta' erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), dovuti lill-awtoritajiet kopetenti, liema hlasijiet ta' arretrati kellhom jivversawhom il-konvenuti rikonvenzjonanti innifishom;

Illi in konsegwenza tal-premess il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu lill-qorti s-segwenti:

1. Illi tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonati huma debituri tal-konvenuti rikonvenzjonanti fis-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), rapprezentanti arretrati ta' permessi u licenzji dovuti fuq l-istabbiliment 'Kingfisher Bar & Restaurant' ghaz-zmien illi dan kien gestit mill-istess atturi rikonvenzjonati;

2. Illi tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati biex ihallsu lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-imsemmija somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), rapprezentanti arretrati ta' permess u licenzji dovuti fuq l-istabbiliment 'Kingfisher Bar & Restaurant' ghaz-zmien illi dan kien gestit mill-istess atturi rikonvenzjonati;

3. /bl-ispejjez kollha u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra rikonvenzjonati minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenzjonati wara l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti datata it-23 ta' Lulju tas-sena 2004, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi l-vertenza proposta mill-konvenuti, il-valur ta' liema vertenza, ex admissis, jammonta ghas-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), li ghalhekk jaqa' fl-ambitu tat-Tribunali ghal Talbiet Zghar a tenur ta' l-artikolu 3 (2) tal-kaptiolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mkien fl-iskrittura tad-29 ta' Dicembru tas-sena 2001 l-atturi ma ggarantew li "ma kien hemm ebda djun gravanti l-gestjoni" kif isostnu l-konvenuti izda

semmai skond l-artikolu hamsa (5) huma assumew l-obbligu ta' xi djun li setghu kienu gravanti. Isegwu ghalhekk li, jekk il-konvenuti gew rinfaccjati b'xi djun ta' l-atturi, dawn kellhom jinfurmaw lill-atturi u mhux ihallsu direttament huma u jifthu proceduri gudizzjarji inutili sabiex jirkupraw ammonti allegatament sborsati minnhom;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi rikonvenzjonati ma awtorizzawx u ma ddelegawx lill-konvenuti rikonvenzjonanti sabiex jaghmlu hlasijiet ghan-nom taghhom;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi rikonvenzjonati ma jafu b'ebda dejn gravanti l-gestjoni tan-negozju;

5. Lli, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom igibu prova ta' l-ammonti allegatament sborsabi minnhom u fin-nuqqas it-talbiet taghhom ukoll ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-decizjoni preliminari taghha datata is-7 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz taghha ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati fil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata datata d-29 t’Ottubru tas-sena 2001 il-partijiet innegozjaw il-kera u l-gestjoni tal-fond “Kingfisher Bar & Restaurant”, ta’ Triq Congreve, Wied iz-Zurrieq;

2. Illi permezz ta’ din l-iskrittura l-atturi koncedenti ttrasferew id-drittijiet kollha taghhom lill-konvenuti akwirenti b’dawn il-kundizzjonijiet:

a. Illi l-akkwirenti jhallsu lill-koncedenti l-ammont ta’ tletin elf Lira Maltin, (LM30,000.00,0), bil-modalitajiet indikati fl-istess skrittura;

b. Illi kemm –il darba l-hlas isir kif pattwit imghax ma jiddekorrix;

c. Illi izda jekk il-pagament ma jsirx kif hekk miftiehem jiddekorri l-imghax ta’ disgha (9) fil-mija mid-data bil-morisita’;

d. Illi l-koncedenti zammew ghalihom parti zghira mill-fond de quo versu l-kera ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), fis-sena bil-quddiem, u dan ghal perjodu ta’ ghaxar (10) snin, u bid-dritt ta’ rimbors mill-akkwirenti;

e. Illi d-djun gravanti l-fond de quo li huma f’isem il-koncedenti, jibqghu f’isem l-istess koncedenti;

Ikkunsidrat:

Illi a bazi ta’ l-imsemmija skrittura l-konvenuti bdew ihallsu lill-atturi u ghad baqghalhom ihallsu l-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), lill-atturi;

Illi meta wiehed mill-atturi mar jitlob l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, wiehed mill-ahwa konvenuti irrifjuta u qallu li kien itihomlu jekk ikollu dan l-ammont, (ara fol 32);

Illi nonostante li l-attur ghamel diversi tentattivi biex jithallas l-ammont lilu dovut skond l-imsemmija skrittura, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi rigward l-allegazzjonijiet tal-konvenuti kontenuti fil-kontrotalbiet taghhom, l-atturi jichduhom kategorikament bl-ecezzjoni ta' mija u tmenin Lira Maltin, (LM180.00,0), biss (ara fol 45) li skond ir-rapprezentant ta' l-Awtorita' maltija tat-Turizmu hu effettivament wiehed u hamsin Lira Maltin, (LM51.00,0), biss, (ara fol 51);

Ikkunsidrat:

Illi tirrileva li l-konvenuti ghazlu li ma jipproducu l-ebda provi in sosten tat-tezi taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrespingi l-kontrotalbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti stante li dawn ma pprovawx il-kaz taghhom skond il-Ligi;

Ikkunsidrat;

Illi ghar-rigward tat-talbiet attrici, stante li dawn huma debitament pruvati, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-istess konvenuti a bazi ta' skrittura privata datata d-29 ta' Dicembru tas-sena 2001, bl-ispejjez skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------